MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1100/2008

**J.M. Vassallo Vibro Steel Limited**

**Vs**

**Adolph Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tas-socjeta` attrici li bih, wara li fissret illi:

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta’ hamsa u erbghin elf, erba’ mija u hamsa u tmenin ewro, u sitta u hamsin centezmu (€ 45, 485.56), oltre l-imghaxijiet legali, bilanc tal-prezz ta’ hadid, azzar u

materjal ta’ kostruzzjoni, mibjugh u kkonsenjat lilu, kif jidher dettaljat fis-sales statement;

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont hekk dovut minnu, u minkejja li mhuwiex jikkontesta li din is-somma hija dovuta, huwa baqa’ ma hallasx.

Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-esponenti l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hals tal-ammont imsemmi.

Talbet illi l-qorti;

Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

Konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-esponenti s-somma ta’ hamsa u erbghin elf, erba’ mija u hamsa u tmenin ewro, u sitta u hamsin centezmu (€45, 485.56), oltre l-imghaxijiet legali, bilanc tal-prezz ta’ hadid, azzar u materjal ta’ kostruzzjoni, mibjugh u kkonsenjat lilu, kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta’ Ottubru, 2008 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentati kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet kummercjali, inkluzi dawk dovuti skond l-artikoli 26A sa 26E tal-Kodici tal-Kummerc u d-direttiva 2000/35EC, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Raymond Vassallo u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghall-konvenut.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------